# *Taf xi jfissru dawn?*

## BERGAMOTT



Frott taċ-ċitru li jixbah lil-lumi iżda ġieli jkun ikbar u jixbah lil-lanġas. Il-meraq tiegħu huwa aċiduż u ma jittikilx iżda jintuża għall-fwejjaħ.

## ĠLATA

Skorċa rqiqa ta' silġ li tiksi l-uċuh tar-raba' meta jkun għamel lejl ta' kesħa kbira. Din tagħmel ħsara kbira lill-prodotti miżrugħa tal-għalqa. Tfisser ukoll marda tal-pjanti kaġunata mill-moffa.

## GĦAQREB



Skorpjun li jħobb jistaħba taħt il-ġebel umdu u l-weraq niexef. Jaqbad l-insetti billejl u għandu l-velenu f'denbu biex jgħaxxex u jaqbad il-priża.

## TARTARUN

Xibka mdaqqsa *(seine net)* li jkollha tlett ixbiek meħjuta flimkien tarf ma' tarf biex jiġu biċċa waħda. Tintuża biex iddawwar ġliba ħut, bħall-makku u l-aċċoli, dawramejt u jagħlquha ġo ċirku li ma tkunx tista' taħrab minnu.

## MARSA / MARFA

**Marsa** jfisser post fejn titfa' l-ankri. Hija nom mimmat mill-verb ***rasa***. **Marfa** huwa nom mimmat ġej mill-verb ***rafa*** li tfisser trakka. Għalhekk marsa tfisser 'port' filwaqt li marfa tfisser 'moll.'

***lehhilmalti@gmail.com*** ***LEĦĦ IL-MALTI*** ***lehhilmalti@gmail.com***

# KLIEM IX-XIĦ marbut max-xhur

## FRAR

- Fi Frar kull laqxa ttalla' l-inwar.
  ***Fi Frar il-kampanja tibda tieħu r-ruħ.***
- Frar daqqa fawwar, daqqa qattar.
  ***Frar jaf jiġi b'ħafna xita jew inkella b'irxiex.***
- Frar fawwar jimla l-bjar.
  ***Fi Frar il-bjar jimtlew u jafu jfuru.***
- Frar jgħakkes lix-xjuħ u liż-żgħar.
  ***Il-maltemp ta' Frar jgħakkes lix-xiħ u liż-żgħir.***
- Jannar kiefer u Frar għandu d-dwiefer.
  ***Jannar u Frar huma l-eqqel xhur tax-xitwa.***

## MARZU

- F'Marzu l-barri jħoss il-bard minn qrunu.
- Marzu Marzellu, in-nanna toħroġ il-moxt* u r-rixtellu*
  *(*għodda tal-injam tan-newl)*.
- Marzu qala' mnieħru u qartsu.

***F'Marzu taf tagħmel kesħa fina li jħossu kulħadd anke l-annimali.***

## APRIL

- April ħobżna fil-mindil *(tvalja)*.
  ***Fi tmiem April il-bidwi jiġbor flusu mill-prodotti tar-raba'.***
- F'April id-dubbiena tagħmel żinn u l-isħaba tmur lilhinn.
  ***F'April il-maltemp jonqos u jibda jidher id-dubbien.***
- April jagħmel il-fjuri u Mejju jieħu l-unuri.
  ***Tingħad meta xi ħadd jagħmel biċċa xogħol u l-unur jieħdu ħaddieħor.***
- Xita fi ħruġ Marzu u dħul April, karru deheb fin.
  ***Ix-xita fi tmiem Marzu u l-bidu t'April tiswa ħafna għall-biedja.***

SMASHING MAGAZINE MYRIAD ADVERTISING

leħħ il-Malti

nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

**Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com***